MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 1395/2010

**Vodafone Limited (C-10865)**
**Vs**
**Rita Muscat (K.I. 108277M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' hames mija, tnejn u erbghin ewro w tlieta u sebghin centezmu (€542.73) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta' attrici a bazi ta' ftehim bejn il-kontendenti (dokument 'A' ta' rendikont anness mat-talba) ghal servizzi u prodotti provduti lil-istess intimat.

Illi l-intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas il-pagament effettiv izda din baqghet inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra mill-atti li giet prezentata fl-14 ta' Ottubru, 2010 mill-Avukat Charlene Briffa nota ta' riduzzjoni f'liema nota gie dikjarat li l-konvenuta ghamlet pagament akkont fl-ammont ta' mitt Ewro (€100) u ghalhekk is-sorte pretiz fil-kawza fl-ismijiet premessi kellha tigi ridotta.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-14 ta' Ottubru, 2010 mill-Avukat Charlene Briffa u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr..

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal u ghaldaqstant dan il-kapitolu ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba kif ridotta bl-ispejjez u l-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------